Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1163/2002**

tat-28 ta' Ġunju 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1501/95 rigward il-kondizzjonijiet għall-pagament ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti taċ-ċereali

(OJ L 170, 29.6.2002, p. 46)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1324/2002 tat-22 ta' Lulju ta' l-2002	L 194	26	23.7.2002

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1163/2002

tat-28 ta' Ġunju 2002

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1501/95 rigward il-kondizzjonijiet għall-pagament ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti taċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2000 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 13(11) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jippreskrivi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2299/2001 ([4]), jippreskrivi li, meta rifużjoni iddifferenzjata tapplika għal xi pajjiż terz speċifiku, intitolament għal dik ir-rifużjoni jinkiseb ma' l-importazzjoni f'dak il-pajjiż terz. L-Artikoli 14, 15 u 16 ta' dak ir-Regolament jippreskrivu l-kondizzjonijiet għar-rifużjonijiet meta tkun tapplika xi rifużjoni iddifferenzjata u partikolarment għad-dokumenti li jridu jiġu ppreżentati biex jippruvaw il-wasla fid-destinazzjoni tal-prodott.

(2) Meta xi rifużjoni ddiferenzjata tkun tapplika, l-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 jippreskrivi li dik il-parti tar-rifużjoni, ikkalkolata bir-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa, titħallas ma l-applikazzjoni mill-esportatur la darba tingħata prova li l-prodott ikun telaq mit-territorju tad-dwana tal-Komunità.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 Ġunju 1995 li jippreskrivi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li jridu jittieħdu fil-każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 602/2001 ([6]), jippreskrivi eċċezzjonijiet għar-Regolament (KE) Nru 800/1999 bħala riżultat ta' ftehim kummerċjali konkluż fl-2000 dwar l-abolizzjoni ta' rifużjonijiet fuq qamħ komuni, dqiq u nuħħala esportati lejn il-Polonja.

(4) Diversi ftehim ta' kummerċ ġew reċentement konklużi bejn il-Komunità Ewropea u l-Estonja, il-Latvja u il-Lituwanja (l-Istati Baltiċi) li jistabbilixxu ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti ta' tariffi Komunitarji għal xi prodotti agrikoli u l-ħelsien totali ta' kummerċ fi prodotti agrikoli oħra. Fis-settur taċ-ċereali, waħda minn dawn il-konċessjonijiet hija l-abolizzjoni ta' rifużjonijiet fuq il-biċċa l-kbira tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92.

(5) L-Artikolu 7a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95 tat-23 ta' Mejju 1995 li jippreskrivi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni ta' sistema dwar liċenzi ta' importazzjoni u espor-

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.
([4]) ĠU L 308, tas-27.11.2001, p. 19.
([5]) ĠU L 147, tat-30.6.1995, p. 7.
([6]) ĠU L 89, tad-29.3.2001, p. 16.

▼B

tazzjoni għal ċereali u ross [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1006/2002 [2], jippreskrivi arranġamenti speċjali għal esportazzjonijiet lejn il-Polonja u l-Istati Baltiċi.

(6) Għandhom jitqiesu għalhekk dawk l-arranġamenti speċjali, li waslu biex jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2002, sabiex ma jiġux imposti spejjeż bla bżonn fuq esportaturi fil-kummerċ mal-pajjiżi terzi kkonċernati. Għal dak il-għan, waqt li tkun tiġi stabbilita r-rata l-aktar baxxa ta' rifużjoni, m'għandux jitqies il-fatt li l-ebda rifużjoni ma ġiet iffissata għad-destinazzjoni konċernata.

(7) Id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 li fihom jinkludu l-eċċezzjonijiet għar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandhom għalhekk jiġu adattati sabiex jitqiesu d-diversi ftehim ġodda ta' kummerċ konklużi ma' l-Istati Baltiċi.

(8) Il-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 13a tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 13a

1. Bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 (*), fejn id-differenzjazzjoni tar-rifużjoni hija biss ir-riżultat ta' rifużjoni li ma ġietx iffissata għad-destinazzjonijiet imsemmijin fl-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 1162/95, prova li l-formalitajiet tad-dwana għall-importazzjoni tlestew m'għandiex tkun meħtieġa għall-pagament tar-rifużjoni għall-prodotti elenkati f'dak l-Anness.

2. Il-fatt li rifużjoni ma tkunx ġiet iffissata għall-esportazzjoni ta' prodotti kif imsemmi fl-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 1162/95 għad-destinazzjonijiet hemm indikati m'għandux jitqies meta tiġi stabbilita r-rata l-aktar baxxa ta' rifużjonijiet fit-tifsira tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) 800/1999.

(*) ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

▼M1

Għandu japplika għad-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni aċċettati fi jew wara l-1 ta' Lulju ta' l-2002.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

[1] ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 2.
[2] ĠU L 153, tat-12.6.2002, p. 5.